

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2016 – Verschuur vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-877/16)**

(2017/C 053/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrent:* Steven Verschuur (Baarn, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentat: P. Kreijger, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6455 finali, tat-3 ta' Ottubru 2016, li tiċħad it-talba kofermattiva <sup>(1)</sup> għal aċċess għal dokumenti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 <sup>(2)</sup> (GESTDEM 2015/3732); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-iskop ta' investigazzjonijiet, u b'hekk wettqet ukoll żball manifest ta' fatt.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, u b'hekk tat ukoll motivazzjoni insuffiċjenti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna legali, u l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001, dwar l-obbligu tal-istituzzjoni li tagħti aċċess parzjali meta partijiet biss ta' dokument huma koperti minn eċċezzjoni waħda jew iktar, u b'hekk tat ukoll motivazzjoni insuffiċjenti.

<sup>(1)</sup> Applikazzjoni għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, fil-Każ SA.38374, għajnuna mill-Istat implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi lil Starbucks.

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2016 – Sony Interactive Entertainment Europe vs EUIPO – Marpefa (Vieta)****(Kawża T-879/16)**

(2017/C 053/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrenti:* Sony Interactive Entertainment Europe Ltd. (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, QC)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Marpefa, SL (Barcelona, Spanja)